MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2010

Numru 509/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Grech)**

**vs**
**NATASHA MARY FARRUGIA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Natasha Mary Farrugia ta’ 25 sena, bint Joseph u Angiolina nee’ Briffa, imwielda Awstralja nhar id-19 ta’ Gunju 1979, u residenti 1 Alley 1, St. Martin Street, Zurrieq, u detentur tal-karta ta’ identita numru 174793M

Giet akkuzata talli f’dawn il-Gzejjer fis-6 ta’ Gunju 2004 u matul l-ahhar sena qabel din id-data, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess

dispozizzjonijiet tal-ligi, u li kienu maghmulin b'rizoluzzjoni wahda:-

a) Ikkonsenjat medicina ristretta u psikotropika (ecstasy), lil xi persuna ohra li ma kienetx spizjar diligenti jew ma kienetx xort'ohra awtorizzata bil-mod xieraq biex ikollha fil-pussess taghha dik il-medicina bi ksur tar-regolament 10(2) tal-avviz legali 22 tal-1985 kif sussegwentament emendat u 40A u 120A u t-tielet skeda tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 u l-artiklu 16 tal-Att V tal-1985, kif sussegwentament emendati;

b) Kellha fil-pussess taghha medicina specifika u psikotropika akamon, meta ma kienetx awtorizzata kif imiss, bi ksur tar-Regolament 5(1) tal-avvis legali 22 tal-1985 kif sussegwentament emendat u 40A u 120A u t-tielet skeda tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-ligijiet ta' Malta, u l-artiklu 16 ta' l-Att V tal-1985 kif emendat, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienetx ghall-uzu esklussiv taghha;

c) Kellha fil-pussess taghha medicina specifika u psikotropika (Dalmane kif ukoll Stilnox), meta ma kienetx awtorizzata kif imiss, bi ksur tar-Regolament 5(1) tal-avvis legali 22 tal-1985 kif sussegwentament emendat u 40A u 120A u t-tielet skeda tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-ligijiet ta' Malta, u l-artiklu 16 ta' l-Att V tal-1985 kif emendat.

Il-Qorti giet mitluba, sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputata sabiex thallas l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat l-ordni tal-Avukat Generali li tinsab a fol. 6 tal-Process u l-kunsens tal-Avukat Generali li jinsab a fol. 75 tal-Process u nnutat li l-imputata m'ghandhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat u deciz bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputata iddikjarat li hija hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha.

Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghha u taghtha ftit taz-zmien sabiex tiddeciedi jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, u wara li giet mistoqsija jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, l-imputata wiegbet li hija hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha.

Innutat li fis-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Pierre Grech u Dr Marion Camilleri ghall-imputata iddikjaraw li huma konsapevoli li l-imputata tidher li ammeljorat il-hajja taghha u li l-imputata issa ghandha responsabbilta' tat-trobbija ta' tarbija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17 u 18 tal-Kap. 9, ir-regolamenti 5(1) u 10(2) tal-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendati, l-artikoli 40A u 120A u t-tielet skeda tal-Kap. 31 kif sussegwentement emendati u l-artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif sussegwentement emendat.
Issib lill-imputata Natasha Mary Farrugia, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundanna lill-imputata Natasha Mary Farrugia ghall-piena komplessiva ta' hames t'elef Ewro (Ewro 5000) multa.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-imputata Natasha Mary Farrugia sabiex fi zmien tlett (3) xhur millum thallas lir-Registratur tal-Qrati is-somma ta' mija u sebgha u sebghin Ewro u tnejn u hamsin centezmi ta' Ewro (Ewro 177.52) rappresentanti spejjes inkorsi bin-nomina tal-esperti Spizjar Mario Mifsud u Martin Bajada.

Il-Qorti, a tenur tal-artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna il-konfiska tal-oggett esebit bhala Dok. PGP1 u inoltre tordna l-konfiska u id-distruzzjoni tal-kontenut tad-Dok. 04ACL01 u ghal fini ta’ tali tinnomina lill-Ispizjar Mario Mifsud sabiex jaghmel tali distruzzjoni u wara jaghmel Rapport dwar dan l-inkarigu lilu moghti, liema Rapport ghandu jigi inserit fl-atti ta’ din il-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------